

**Brussell, 23 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

**13672/25
ADD 1**

**IXIM 214
FRONT 250
DELECT 160
COMIX 378
CH
IS
LI
NO**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 6856 annex
Suġġett:	ANNESS tad- Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni C(2023)950 final tas- 27 ta' Marzu 2023 li tissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/1240 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-korrispondenza bejn id-data preżenti f'rekord, f'allert jew f'fajl tas- sistemi ta' informazzjoni l-oħra tal-UE li jiġu kkonsultati u fil-fajl ta' applikazzjoni tal-ETIAS

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 6856 annex.

Mehmuż: C(2025) 6856 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.10.2025
C(2025) 6856 final

ANNEX

ANNESS

tad-

Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni

li temenda d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni C(2023)950 final tas-27 ta' Marzu 2023 li tissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-korrispondenza bejn id-data preżenti f'rekord, f'allert jew f'fajl tas-sistemi ta' informazzjoni l-oħra tal-UE li jiġu kkonsultati u fil-fajl ta' applikazzjoni tal-ETIAS

ANNESS

Fl-Anness, it-taqsimha 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

“1. DATA MINN SISTEMI TA’ INFORMAZZJONI DIFFERENTI

Id-data tal-identità u d-data tad-dokument tal-ivvjaġġar li jinsabu fil-fajl tal-applikazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, ETIAS) għandhom jiġu kkonsultati u mqabblin mad-data tal-identità u d-data tad-dokument tal-ivvjaġġar li jinsabu fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (Entry/Exit System, EES) stabbilita bir-Regolament (UE) 2017/2226*, fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS, Visa Information System) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 767/2008**, fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1862*** fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (European Criminal Records Information System for third-country nationals, ECRIS-TCN) stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/816**** u fil-“Eurodac” stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1358*****.

B'mod partikulari:

- L-ismijiet għandhom jitqabblu mal-ismijiet, inkluż il-kunjomijiet u l-ismijiet.
- Id-data tat-twelid għandha titqabbel mad-data tat-twelid.
- Il-ġeneru għandu jitqabbel mal-ġeneru.
- In-nazzjonalità u l-post tat-twelid għandhom jitqabblu man-nazzjonalità u l-post tat-twelid, jekk applikabbli.
- It-tip u l-kodiċi bi tliet ittri tad-dokument tal-ivvjaġġar u n-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar għandhom jitqabblu mat-tip u l-kodiċi bi tliet ittri tad-dokument tal-ivvjaġġar, u n-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar rispettivament. Meta d-data ta' skadenza tad-dokument tal-ivvjaġġar tkun disponibbli fiż-żewġ sistemi, din għandha titqabbel ukoll. Fil-każ tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, għandha tintuża biss id-data tal-passaporti.

Is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandu jkun fiha tabella ta' konverżjoni li għandha twassal għall-kisba ta' kodiċi bi tliet ittri mill-qasam tad-data li jikkorrispondu għall-pajjiż li jkun hażeg id-dokument tal-ivvjaġġar. Għandha tintuża wkoll tabella ta' konverżjoni għall-armonizzazzjoni tal-format tad-data relatata mat-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar.

* ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj>.

** ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/767/oj>.

*** ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1862/oj>.

**** ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/816/oj>.

***** ĠU L, 2024/1358, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1358/oj>.

Kategorija tad-data		L-ETIAS	VIS	SIS	EES	ECRIS-TCN	EURODAC
Data tal-identità	Ismijiet (inklużi l-kunjom u l-isem)	Kunjom (l-isem tal-familja) Kunjom mat-twelid Ismijiet oħra (pseudonimi, ismijiet artistiċi, ismijiet tas-soltu) Isem/ismijiet Isem mogħti/ismijiet mogħtija	Kunjom (l-isem tal-familja) Kunjom mat-twelid (kunjom(ijiet) preċedenti) Isem (ismijiet mogħtija)	(1) Il-kampijiet tad-data kollha tal-isem (il-kunjomijiet, l-ismijiet, l-ismijiet mat-twelid u l-ismijiet użati qabel) fl-identitajiet kollha fl-allerti dwar il-persuni (2) Il-kampijiet tad-data kollha tal-isem (il-kunjom u l-isem) fl-allerti dwar dokumenti li nħarġu (passaporti)	Kunjomijiet Isem jew ismijiet (l-ismijiet mogħtija) Ismijiet Ismijiet mogħtija	Kunjom (l-isem tal-familja) Pseudonimi jew ismijiet li bihom tkun magħrufa dik il-persuna Ismijiet preċedenti Ismijiet (l-ismijiet mogħtija) Ismijiet preċedenti	Kunjom(ijiet) Isem/ismijiet Isem/ismijiet mogħti(ja) fit-twelid Isem/Ismijiet użati qabel Ismijiet assunti

		Għall-minuri, il-kunjom u l-isem/ismijiet tal-persuna li tkun qed teżerċita l-awtorità tal-ġenitur jew tal-kustodju legali tal-applikant.		Il-kampijiet tad-data kollha tal-isem (il-kunjomijiet, l-ismijiet, l-ismijiet mat-twelid u l-ismijiet użati qabel) fl-identitajiet kollha fl-allerti dwar il-persuni			
Data tat-twelid	Data tat-twelid	Data tat-twelid	(1) Data tat-twelid fl-identitajiet kollha fl-allerti dwar il-persuni (2) Data tat-twelid fl-allerti dwar dokumenti li nħarġu (passaporti)	Data tat-twelid	Data tat-twelid	Data tat-twelid	Data tat-twelid
Ġeneru	Sess	Sess	(1) Il-ġeneru fl-identitajiet kollha fl-allerti dwar il-persuni (2) Il-ġeneru fl-allerti dwar dokumenti li nħarġu	Ġeneru	Sess	Sess	Sess

				(passaporti)			
	Nazzjonalità u Post tat-twelid Pajjiż tat-twelid	Nazzjonalità Attwali Nazzjonalitajiet oħrajn Post tat-twelid Pajjiż tat-twelid	Nazzjonalitajiet Attwali Nazzjonalità mat-twelid Post u pajjiż tat-twelid	(1) Kull nazzjonalità fl-identitajiet kollha fl-allerti dwar il-persuni	Nazzjonalità Nazzjonalitajiet	Nazzjonalità Nazzjonalitajiet Post tat-twelid (il-belt u l-pajjiż)	Nazzjonalità/nazzjonalitajiet Post tat-twelid

Dokument tal-ivvjaġġar	It-tip, in-numru, il-pajjiż tal-ħruġ tad-	Il-VIS attwali:	(1) In-numru tad-dokument u l-pajjiż li ħareġ il-passaport	It-tip u n-numru u l-kodiċi bi tliet	It-tip u n-numru u l-kodiċi bi tliet	It-tip u n-numru ta' dokument tal-ivvjaġġar,
------------------------	---	-----------------	--	--------------------------------------	--------------------------------------	--

	dokument tal-ivvjaġġar	It-tip u n-numru il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti data ta' skadenza l-awtorità emittenti data tal-ħruġ Il-VIS il-ġdida: It-tip u n-numru Il-pajjiż li ħareġ id-dokument tal-ivvjaġġar.	fl-allerti dwar il-persuni (2) In-numru tad-dokument u l-pajjiż li ħareġ il-passaport fl-allerti dwar dokumenti li nħarġu (passaporti) (3) In-numru tad-dokument u l-pajjiż li ħareġ il-passaport fl-allerti dwar id-dokumenti vojta (passaporti)	ittri tal-pajjiż emittenti	ittri tal-pajjiż emittenti	il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti
--	------------------------	---	--	----------------------------	----------------------------	---